# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2452

Każ Nru 3344/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Godwin Borg

u

Kenneth Micallef u Karl Micallef
eżerċenti l-kummerċ bl-isem
"Paradise Bay Lido".

*dwar : tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mir-Rikorrent Godwin Borg li allega li fit-30 ta' Settembru 2014 l-impieg tiegħu ma' l-Intimati Kenneth u Karl Micallef ġie terminat ħesrem mingħajr l-ebda raġuni valida. Huwa kien assistit mill-Avv. Alessandro Lia. L-Intimati li kienu assistiti mill-Avv Christine Calleja u Alfred Mallia Milanes jinnegaw dan. Inżammu għaxar seduti.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll il-fatt li l-każi quddiem dan it-Tribunal kienu ġew differiti *sine die* u damu hekk għal diversi xhur ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif rikjest fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent kien ilu jaħdem mal-Intimati sa mis-sena 2008 bħala *kitchen assistant*. Huwa kien jaħdem kull sena għal xi sitt xhur meta l-Lido ikun miftuħ għall-istaġun tas-sajf iżda mill-2010 kien imnizzel li jaħdem is-sena kollha u għalhekk kienu jitħallsulu s-sena kollha t-taxxa tad-dħul li kien dovut kif ukoll il-bolla sabiex ikun jista jgawdi pensjoni aħjar meta jirtira. Fis-sena 2013 kien irċieva kont tat-taxxa ta' €730 u huwa ippretenda li dan l-ammont kellu jitħallas mill-Intimati skond il-ftehim li kellhom. Iżda l-Intimati rritjenew li dan il-pagament kien dovut fuq xi qliegħ li kellu r-Rikorrent li ma kellu xejn x'jaqsam mal-impieg tiegħu li ħlas dwaru tat-taxxa dejjem sar mill-Intimati. Bħala riżultat ta' dan ir-relazzjonijiet bejn ir-Rikorrent u l-Intimati ħżienu. Meta għalaqlu l-kuntratt tas-sena 2014 l-Intimati ddeċidew li ma jġeddulux il-kuntratt għas-sena ta' wara u għamlu użu minn *termination form* iffirmata mir-Rikorrent li kienet fil-pussess tal-Intimati peress li żmien qabel kienu ġagħluh jiffirmaha in bjank għalli jista jinqala'. Ir-Rikorrent jallega li l-Intimati kienu tterminawlu l-impieg mingħajr raġuni valida.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Ir-raġuni prinċipali, jekk mhux l-unika, għat-tkeċċija tar-Rikorrent minn ma' l-Intimati hija bażikament l-insistenza tiegħu, ukoll b'minaċċa ta' azzjoni ġjudizzjarja, biex jitħallas is-somma ta' €730 żejda li kien ħallas ta' l-*Income Tax*. Hu jirritjeni li tali somma kellha tkun a kariga ta' l-Intimati skond il-ftehim viġenti. Jidher li dak li oġġezzjonaw għalih l-Intimati kien iktar il-fatt li r-Rikorrent persistentement kien jitlob ir-rifużjoni ta' dik is-somma milli l-ħlas tagħha. Għaliex huma kienu tal-fehma illi dik is-somma ma kienitx dovuta minnhom għaliex ma kienitx konnessa mal-paga tar-Rikorrent iżda ma' xi qliegħ ieħor li kien għamel bħal senserija u dividendi fuq xi investimenti li kellu. Ir-Rikorrent jidher li fejn jaqbillu kien jgħid li ma jifhimx u jibqa jinsisti fuq din ir-rifużjoni. Iżda jista' wieħed ilumu jekk jibqa jinsisti fuq dak li ħaseb li kien id-dritt tiegħu. Meta qalulu li kien spiċċa l-ewwel reazzjoni tiegħu kienet "Għax tkellimt għad-drittijiet tiegħi ha tkeċċuni?" (Seduta 15.7.15 fol.25). Dan it-Tribunal kemm il-darba stqarr li tkeċċija mill-impieg hija s-sanzjoni estrema u r-raġuni biex tingħata trid tkun verament ġusta u suffiċjenti. L-insistenza tar-Rikorrent fuq ir-rifużjoni ta' €730, anke jekk forsi mhux realment dovuta, ma tikkostitwix fl-opinjoni tat-Tribunal raġuni valida għal-liċenzjament tar-Rikorrent u ċertament ma tistax tkun raġuni suffiċjenti.

It-Tribunal ikkonsidra l-kobbla imħabbla ta' l-impieg tar-Rikorrent biex jara jekk kienx wieħed definit jew le. Għad li l-impieg kien wieħed staġjonali għal 26 ġimgħa fis-sena skond l-arranġament li wettqu l-Intimati fl-2010 dana sar indefinit. Prova ta' dan wieħed isibu fid-

Dokument KM1 (fol.2) ippreżentat minn Kenneth Micallef fil-15 ta' Ottubru 2015. Dan id-Dokument huwa wieħed tal-ETC fejn hemm elenkati l-impiegi ma' l-Intimati. Fosthom hemm dak tar-Rikorrent li bejn l-2008 u l-2009 huwa mniżżel li kien impjegat għal sitt xhur kull sena. Mit-3 ta' April 2011 sa t-30 ta' Settembru 2014 huwa mniżżel bħala kuntratt sħiħ. Veru li d-dokument jiddeskrivih bħala *definite contract* kif fil-fatt ġew deskritti l-kuntratti preċedenti iżda meta l-Intimati bdew jikkunsidrawh bħala impjegat mhux iktar staġjonali iżda għas-sena kollha n-natura tal-kuntratt tbiddel. Tant hu hekk illi meta ġew biex jitterminawlu l-impieg lir-Rikorrent offrewlu li jħallsulu *ex gratia* s-somma msemmija ta' €730 bl-intendiment li kien ittermina l-impieg (Dok H preżentat mir-Rikorrent fit-23.6.15). Ma rritjenewx dak iż-żmien li kien skadielu l-kuntratt għal perijodu definit.

It-Tribunal ma ħassx li għandu jidħol fil-kwistjoni tal-ħlas tal-*Income Tax* tal-allegata somma ta' €730 jew ta' xi rifusjonijiet ta' taxxa mħallsa żejda li ssemmew li setgħu kienu dovuti mir-Rikorrent. Dana għas-sempliċi raġuni li t-Tribunal ma jidhirlux li huwa kompetenti biex jidħol f'dan.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Godwin Borg minn mal-Intimati Kenneth Micallef u Karl Micallef eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Paradise Bay Lido" ma kienx għal raġuni xierqa u biżżejjed.

**5. Kumpens**

Għad li r-Rikorrent talab ir-riingaġġ mal-Intimati t-Tribunal mhux tal-fehma li għandu jordna dan. Wara li ra l-Artikolu 81(2) tal-Kap 452 u wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-età tar-Rikorrent u l-istat ta' saħħtu u t-tip ta' xogħol li kellu t-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lilu mill-Intimati fl-ammont ta' €17,000. Din is-somma trid titħallas hekk: €5,000 immedjatament u ir-rimanenti somma ta' €12,000 bir-rata ta' €1000 kull l-aħħar tax-xahar bl-ewwel pagament isir fl-aħħar ta' Jannar 2017. Jekk għal kwalsiasi raġuni tinqabeż xi skadenza s-somma kollha li tkun għad fadal titħallas issir *ipso facto* pagabbli immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 6. Drittijiet

Għall-iskop ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 id-drittijiet dovuti lil kull min assista lill-partijiet qed jiġu likwidati għal €93 kull wieħed.

Illum : 30 ta' Novembru, 2016

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja